MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2009

Numru. 989/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Anthony Mackay ta’ 62 sena bin il-mejjet Anthony u Josephine nee` Gauci imwieled Valletta fit-08 ta’ Ottubru 1946 u joqghod ‘Marlor’ Triq il-Wejba Swieqi, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 849646(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Anthony Mackay u cioe` talli b’mezzi kontra il-ligi jew billi ghaml uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u

disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,239.37) ghad-detriment ta' Charles Grech & Co Limited , ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminal, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu , billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunisinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Charles Grech & Co Limited, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu li mhix xi wahda allarmanti u l-problema finanzjarja li l-imputat ghaddej minnha. Jidher ukoll illi l-vittma gie ikkumpensat ghad-danni sofferti minnu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 308, 309, 310(b), 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------